MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2157/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Eric Persico**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm175.59) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99238820;**

**Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi**

**kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat fid-29 ta' April 2004 mis-socjeta` attrici, ghas-subizzjoni tal-konvenut, li baqa' ma deherx u lanqas ma ppresenta risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm175.59) bl-imghax legali mit-28 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------